



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 115/24

il-Lussemburgu, 29 ta' Lulju 2024

Sentenza tal-Qorti fil-Kawżi magħquda C-112/22 CU u C-223/22 ND | (Assistenza Soċjali – Diskriminazzjoni indiretta)

Assistenza soċjali: l-aċċess għal miżura ta' sigurtà soċjali, assistenza soċjali jew protezzjoni soċjali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ilhom residenti ma jistax ikun suġġett għall-kundizzjoni li huma jkunu għexu mill-inqas għaxar snin fi Stat Membru

Stat Membru ma jistax jagħmel l-aċċess għal miżura ta' sigurtà soċjali, assistenza soċjali jew protezzjoni soċjali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ilhom residenti suġġett għall-kundizzjoni, li tapplika wkoll għaċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru, li jkunu għexu f'dak l-Istat Membru għal mill-inqas għaxar snin, li minnhom l-aħħar sentejn b'mod kontinwu. Huwa pprobit ukoll milli jissanzjona kriminalment dikjarazzjoni falza dwar tali kundizzjoni ta' residenza illegali.

Żewġ ċittadini ta' pajjiżi terzi li ilhom residenti fl-Italja ġew akkużati li wettqu reat kriminali. Fil-fatt, huma ffirmaw applikazzjonijiet biex jirċievu d-“dħul taċ-ċittadinanza”, benefiċċju soċjali intiż li jiżgura livell minimu ta' għajxien. Huma kienu ddikjaraw b'mod falz li huma kienu jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' dan il-benefiċċju, inkluża l-kundizzjoni ta' residenza ta' mill-inqas għaxar snin fl-Italja, li minnhom l-aħħar sentejn b'mod kontinwu. Abbażi ta' dan kollu, huma rċevew b'mod indebitu, rispettivament somma ta' EUR 3 414.40 u ta' EUR 3 186.66. Il-Qorti ta' Napoli (l-Italja) staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk din il-kundizzjoni ta' residenza kinitx konformi mad-direttiva dwar iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ilhom residenti ¹.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis, l-ewwel nett, li l-kundizzjoni ta' residenza inkwistjoni **tikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta fil-konfront taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ilhom residenti**. Fil-fatt, anki jekk din il-kundizzjoni tapplika wkoll għaċ-ċittadini nazzjonali, hija taffettwa prinċipalment lil dawk li ma humiex ċittadini fosthom, b'mod partikolari, dawn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina jekk din id-differenza fit-trattament tistax tkun iġġustifikata bid-differenza tar-rabti rispettivi taċ-ċittadini nazzjonali u taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ilhom residenti mal-Istat Membru kkonċernat. Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li d-**direttiva tipprevedi kundizzjoni ta' residenza legali u kontinwa ta' ħames snin fit-territorju ta' Stat Membru** sabiex ċittadin ta' pajjiż terz ikun jista' jkollu l-istatus ta' resident għat-tul. Il-leġiżlatur tal-Unjoni qies **dan il-perijodu suffiċjenti sabiex jinkiseb dritt għal ugwaljanza fit-trattament** maċ-ċittadini ta' dan l-Istat Membru, b'mod partikolari, fir-rigward tal-miżuri ta' sigurtà soċjali, ta' għajxien soċjali u ta' protezzjoni soċjali. Għaldaqstant, **Stat Membru ma jistax jestendi unilateralment il-perijodu ta' residenza meħtieġ mid-direttiva** sabiex ċittadin ta' pajjiż terz li jkun ilu residenti jkun jista' jibbenefika minn trattament ugwali bħaċ-ċittadini ta' dan l-Istat Membru fil-qasam tal-aċċess għal tali miżura.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li **l-Istat Membru kkonċernat huwa pprobit ukoll milli jissanzjona kriminalment** dikjarazzjoni falza dwar kundizzjoni ta' residenza li tikser id-dritt tal-Unjoni Ewropea.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ [Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE](#) tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul.